MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 40/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat**
**taghha Anthony Mangion abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni**
**tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Anthony Mangion [656741(M)]**

**Vs**

**Brian Abela**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas somma li ma teccedix is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni

sofferti minn Anthony Mangion b'rizultat t'incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Jannar, 2001 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (11.00p.m) gewwa Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun bejn il-vettura proprjeta' ta' Anthony Mangion bin-numru ta' registrazzjoni AAM 314 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni JAR 596 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-konvenut ma kienx is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAR 596 kif indikat fl-Avviz ta' l-atturi liema sewwieq jahti ghall-incident mertu tal-kawza. L-esponenti kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABE 142 u gie involut fil-kollizjoni intortament stante li AAM 314 giet mitfuha u mbuttata ghal gol-vettura tieghu ABE 142 wara l-habta ta' JAR 596 ma' AAM 314.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Mangion, Marika Mangion, Andreana Mangion, Jocelyn Spagnol u ta' Brian Abela.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Neville Camilleri ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident l-attur Anthony Mangion kien qed isuq il-vettura AAM 314 miexi fi Triq id-Dahla ta' San Tumas u warajh kien hemm il-karozza misjuqa mill-konvenut. Hin minnhom tfaccat karozza gejja *wrong side – face to face* u sehhet kollizjoni bejn il-karozza misjuqa mill-attur u din il-karozza. Apparti dan, fl-istess incident, il-karozza misjuqa mill-konvenut li kienet wara l-karozza ta' Mangion, habtet ukoll mal-karozza ta' Mangion.

Is-sewwieq tal-karozza li kienet gejja *wrong side* baqa' ma nstabx billi malli saret il-habta hareg mill-karozza u telaq jigri 'l hemm.

Illi l-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk il-kollizjoni bejn il-vettura ta' l-attur u l-konvenut sehhitx minhabba, kif jghid il-konvenut li l-vettura ta' l-attur giet imbuttata lura wara l-habta mal-karozza l-ohra jew kienetx il-karozza tal-konvenut li baqghet diehla fil-karozza ta' l-attur wara l-ewwel habta.

Illi m'hemmx dubju li l-karozza ta' l-attur u dik misjuqa mill-konvenut habtu ma' xulxin. Il-konvenut jghid li qabel il-kollizjoni huwa kien qed isuq wara l-attur u li kien qisu zewg metri warajh. Huwa jghid li kien miexi bil-mod. Huwa jghid li kienet gejja karozza *wrong side* qabel ma' din habtet mal-karozza misjuqa mill-attur izda huwa baqa' miexi bil-mod. Il-konvenut pero' jsostni illi wara li l-vettura misjuqa minn sewwieq skonoxxut baqghet diehla fil-karozza ta' l-attur, il-karozza ta' l-attur giet imbuttata lura ghal fuqu.

It-Tribunal jidhirlu illi dan huwa kaz fejn is-sewwieq, ghalkemm kien qed jara dak li kien *in plain view*, ma hax il-prekawzjonijiet xierqa w opportuni jew almenu, jidher car li ma kienx qed izomm distanza xierqa bejnu u bejn il-vettura ta' quddiemu.

Meta l-konvenut lemah il-vettura gejja *wrong side* ghal fuq il-vettura misjuqa mill-attur, hu m'ghafasx il-brake, ma waqafx izda baqa' miexi bil-mod. Ma tantx huwa probabbli illi l-kollizjoni sehhet ghaliex il-vettura ta' l-attur giet imbuttata ghal fuq il-vettura tal-konvenut izda jidher li huwa aktar probabbli illi fil-fatt mal-kollizjoni, l-vettura ta' l-attur waqfet u billi din waqfet hesrem il-konvenut baqa' diehel fiha. Certament, kieku l-konvenut kien qed izomm distanza aktar minn semplicement zewg metri u kieku ha azzjoni mmedjata malli lemah il-karozza misjuqa minn sewwieq skonoxxut, kien possibbilment jevita l-kollizjoni in kwistjoni.

Ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li r-responsabbilta' unika tal-kollizjoni in kwistjoni hija mputabbli ghall-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni, l-atturi llikwidaw id-danni taghhom ghall-ammont ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm650.51c) kif jidher min-Nota a fol 29 tal-process liema danni ma gewx ikkontestati mill-konvenut skond kif ivverbalizza fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2005.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm650.51c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------